MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2012

Numru 21/2012

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**
**KONTRA**
**JOSEPH ANDREWS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Andrews, 32, bin Paul u Rita nee' Nappa, mwieled Pieta' fis- 27 ta' Marzu 1979, residenti 18, Triq Mitklem il-Malti, Marsaskala u detentur tal- Karta tal- Identita' bin-numru 261679M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) fiz- Zejtun nhar it- 12 ta' Novembru 2011, ghal habta tas- 7.00pm, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, laptop ta' ghamla mhux maghrufa, zewg cameras digitali ta' ghama mhux maghrufa, telefon cellulari ta' ghamla LG, DVD player ta' ghamla mhux maghrufa, ammont mhux maghruf ta' deheb u kif ukoll flus kontanti liema serq jeccedi l- €2,390.24 u ghalhekk ikkwalifikat bil- valur, bil-mezz, bil- hin, bil- lok u li sar ghad- detriment ta' Chantelle Desira detentrici tal- Karta tal- Identita' 199880M u Latoia Chircop detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 0534490M;

2) u aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat jew b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3) u aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi €116.47 fuq bieb ta' residenza ghad- dannu ta' Chantelle Desira u Latoia Chircop;

4) ukoll talli huwa kiser il- provedimenti ta' Sezzjoni 22 tal- Kapitolu 46 tal- Ligijiet ta' Malta ghal perjdou ta' sena b' sentenza moghtija lilu nhar it- 23 ta' Settembru 2010 mill- Magistrat Dr. A. Vella LL.D;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti qeghdha ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, in forza tal-ammissjoni maghmula minnu, u tista' ghalhekk tghaddi biex taghti s-sentenza. Ir-reat li ghalih wiegeb li hu hati hu dak ta' serq aggravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bil-lok, bl-aktar aggravanti jkun dak tal-valur.

Illi l-imputat irregistra ammissjoni bikrija f'din il-kawza, kif fil-fatt kien ghamel fl-istadju tat-tehid tal-istqarrija tieghu. Mill-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija, irrisulta li parti mir-res furtiva instabet fil-pussess tal-imputat u ghalhekk giet ritornata lid-derubati, u inoltre l-imputat qieghed ighin ukoll lill-Pulizija dwar reati ohra. Dawn il-fatturi kollha jimmilitaw favur temperament fil-piena.

Mill-atti rrisulta wkoll li t-tieni imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel, u ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik l-imputazzjoni. Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, dik ghandha tigi kkunsidrata bhala mezz ghall-fini, u ghalhekk ghandu jkun hemm assorbiment tal-piena ghal dak ir-reat fil-piena ghar-reat l-aktar gravi. Fl-ahhar lok, irrisulta wkoll li s-sentenza moghtija lill-imputat fit-23 ta' Settembru, 2010, tat terminu li kien gia' ghadda meta' gie kommess dan ir-reat, u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn taghti provvediment f'dak is-sens.

Tenut kont, ghalhekk, ta' dawn ic-cirkostanzi kollha hekk kif elenkati mil-Qorti, l-imputat jista' jibbenefika mill-ghoti ta' sentenza ta' prigunerija sospiza. Ir-reati li taghhom qed iwiegeb l-imputat jinnecessitaw sentenza ta' prigunerija fil-

kaz ta’ sejbien ta’ htija. Kwalunkwe sentenza ohra anqas iebsa tkun ftit wisq ghal kaz bhal dan. Madankollu, ma hemmx l-estremi li jehtiegu li t-terminu ta’ prigunerija jkun wiehed effettiv. Ladarba l-imputat jista’ jibbenefika minn mitigazzjoni fil-piena, u peress illi ser ikun qed ighin lill-Pulizija fi proceduri ohra kontra terzi, il-Qorti ghandha zzomm dan kollu quddiem ghajnejha meta tigi biex taghtih is-sentenza ghal dan il-kaz. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti l-minimum skond il-ligi, flimkien ma’ ordni ta’ supervizjoni fuq l-imputat, kemm biex din is-sorveljanza sservi ta’ mezz ta’ kontroll fuqu, kif ukoll biex isservi ta’ ghinuna u radrizzar fl-imgieba tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261 (b) (c) (e) (f), 263(a), 265, 267, 269 (g), 270, 334, 325 (b) u 533 tal-Kapitolu 9; u l- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlittax (13)- il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin taht supervizjoni ai terminu tal-Artikolu 28G tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------